**Ħabib ta' Kristu u s-soċjetà**

B'dedika lil-għażiż għalliem, ħija u ħabib Fr Joe Inguanez

Minn dejjem niftakrek tgħallem
B'dik l-imħabba lejn is-Sultan,
Ta' qassis tant eżemplari
F'ħidmietek fakkart lis-Setgħan.

Niftakrek tgħallimni ħija
Kont għadni l-università,
B'dik ħiltek akkademika
Għallimtni nħobb b'intensità.

Għentni noħroġ minni nnifsi
U nitħaddet u ma nibżax,
Is-sens tad-dover kien miegħek
Kien hu li qalli: "La tibżax!"

Kelma għażiża li kont għedtli:
"Għandek kuxjenza soċjali",
Din kelmtek għadha tkellimni
Ngħożżha fis-snin li baqagħli.

Għalhekk int għażiż għalija
l-għaliex kelma għedtha b'qawwa,
fittixt is-sewwa bla uċuħ
Għamilt il-ġid mhux bid-drawwa.

Il-konvinzjoni hekk kbira
Li sawritek f'dak li int kont,
Issa nifhem għax il-Missier
Għamlek għal bosta dak il-pont.

Li minnu ressaq lill-uliedu
Li kienu tbegħdu mill-merħla,
F'idejH int kont dik id-duwa
Li tant tfarraġ lill-imsejkna.

Kellek l-għerf li b'għaqal tagħraf
Li post Kristu hi s-soċjetà,
Għalhekk għallimtni b'imħabba
Li nħobbha b'ħafna serjetà.

Bħal Ġużeppi sieket sieket
Int tant ħdimt biex jikber il-ġid,
Bħal Marija għarbilt b'għaqal
Kelmet Sidek u bħalu sirt.

Ragħaj għaqli, edukatur fin
Li tħobb bil-fatti mhux bil-kliem,

Idħol issa fil-ferħ dejjiem
Strieħ għax jixraqlek Joe fis-sliem.

Patri Mario Attard OFM Cap
19 ta' Settembru 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.